MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 47/2001/1

Citazzjoni numru 47/2001

Raymond u Jane konjugi Sammut

-vs-

Joseph Curmi

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew illi fil-hamsa (5) ta’ Novembru 1991, ghall-habta tat-8.30pm, l-attur kien qieghed isuq mutur tat-tip “Honda” numru ta’ registrazzjoni FBA 772 matul it-Triq ta’ l-Imgarr, limiti tax-Xewkija, Ghawdex bi speed moderat u bid-diligenza kollha rikjesta minnu fil-ligi u kien qieghed jipprocedi lejn id-direzzjoni tar-Rabat;

Illi l-konvenut kien qieghed isuq vettura tat-tip BMW (numru ta' registrazzjoni IAV 102) u li hija proprjeta' tieghu u kien qieghed jipprocedi matul it-triq ta' l-Mgarr limiti tax-Xewkija, Ghawdex mid-direzzjoni tar-Rabat u b'traskuragni grassa, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku huwa pproceda biex jaqsam l-Mgarr Road, u jidhol go Majmuna Street, li hija triq sekondarja billi jaqta' ghad-dritt minflok ma jibqa' tiela' matul Mgarr Road u jikser, kif suppost, ghal fuq ix-xellug tieghu;

Illi minhabba dan is-sewqan traskurat da parti tal-konvenut, l-attur, li kien qieghed isuq il-motorcycle (numru ta' registrazzjoni FBA 772) kif inghad hawn fuq gie investit mill-vettura (numru ta' registrazzjoni IAV 102) misjuqa mill-konvenut, li wara l-habta spicca fuq in-naha tal-lemin ta' l-istess triq, ezattament kif indikat fuq l-iskizz tal-Pulizija (Dokument B u C);

Illi minhabba l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, l-attur sofra diversi feriti f'saqajh u debilita' permanenti fihom, kif jirrizulta anke mir-rapport mediku ta' Mr Raymond Gatt, hawn anness u markat bhala Dokument A u dana oltre hsarat fil-motorcycle tieghu (numru ta' registrazzjoni FBA 772) u danni ohra kemm materjali kif ukoll fi kwalita' ta' lucrum cessanti u telf ta' xoghol kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta' l-istess kawza.

Illi ghall-istess incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, jahti unikament l-istess konvenut li ghandu jwiegeb ghad-danni kollha sofferti mill-istess attur.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-istess atturi minhabba l-incident stradali hawn fuq imsemmi, liema danni huma sewwa materjali kif ukoll fi kwalita' ta' lucrum

cessans u f'telf ta' xoghol u profitti, u dana okkorrendo n-nomina ta' perit ghall-istess fini;

3. tikkundanna lill-istess konvenut li jhallas lill-atturi d-danni kollha hekk sofferti u likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Frar 2000 u ta' ittra ufficjali ohra kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut li qeghdha tigi prezentata kontestwalment ma' dina c-citazzjoni u bl-ingunzjoni ta' l-isess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa imharrek.

Bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu , l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma jigi trattat il-meritu trid issir parentesi dwar l-kontumacja tal-konvenut f'din il-kawza. Mill-atti jirrizulta li fis-17 ta' Jannar 2002 (folio 24) il-Qorti kienet sfilzat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut stante li l-prezentata taghha kienet tirrizulta li saret oltre z-zmien legali permess. Skond il-verbal tal-istess data l-kawza kienet giet differita ghat-23 ta' Mejju 2002 "biex taghti opportunita' lill-konvenut jiggustifika l-kontumacja u okkorrendo biex tisma' il-provi". Tul s-sitt seduti li segwew, fejn l-attur ipproduca l-provi tieghu, l-konvenut qatt ma deher personalment u wisq anqas almenu ttanta jiggustifika l-kontumacja. Fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2003 l-attur iddikjara li kien ezawrixxa l-provi u l-konvenut ghal darb'ohra ma kienx prezenti. Il-Qorti hawnhekk dehrilha li billi l-kawza kienet tirrisali ghal Mejju 2001 fic-cirkostanzi l-kontumacja ma kinitx gustifikata u ddiferit il-kawza ghal-lum ghas-sentenza. Dehrilha li kien approprijat l-applikazzjoni tal-massima "*qui culpa sua*

*damnum sentit non videtur damnum sentire*'. Madanakollu, u kif rikjest mill-Artikolu 158(10) tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili awtorizzat lill-konvenut li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet li wkoll naqas li jaghmel.

Illi fil-meritu u tenut kont tal-fatt li l-kontumacija mhix ammissjoni l-Qorti ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fuq il-provi u d-dokumenti in atti. It-talba tal-attur tikkonsisti filli tiddikjara li l-incident awtomobilistiku kien hati ghalih unikament l-konvenut, konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mill-attur konsistenti kemm f'damnum emergens u lukri cessanti, u tikkundanna lill-konvenut li jhallas id-danni likwidati. Dwar l-incident proprju jirrizulta li sehh fil-5 ta' Novembru 1999 bejn mutur numru ta' registrazzjoni FBA 772, misjuq mill-attur, u vettura tat-tip BMW, numru ta' registrazzjoni IAV 202, misjuqa mill-konvenut. Fil-hin tal-incident iz-zewg vetturi kienu qed jinstaqu f'direzzjoni opposta fi Triq l-Imgarr u l-kawza tal-incident tirrizulta li kienet manuvra tal-konvenut li dar biex jidhol fi triq laterali u precizament fi Triq Majmuma b'dan li qasam il-korsija tal-attur li kien gej mid-direzzjoni opposta u sehhet il-habta. Fil-kaz in disamina pero' irid jigi konsidrat wkoll il-fatt, ammess mill-attur stess, li fil-mument tal-kollizjoni hu ma kellux dawl fil-mutur tieghu tant li kellu f'idejh torca biex jissenjala l-prezenza tieghu fit-triq. Rilevanti li jigi puntwalizzat f'dan il-kuntest li kien bil-lejl u dawl tat-triq f'dik il-parti fejn sehhet il-kollizjoni ma kienx hemm. Huma fuq dawn ir-resokontri li tistrieh ir-responsabilita' ghall-kollizjoni.

Illi fil-kawza *Fenech v Camilleri (Appell – 30 ta' Marzu 1973)* inghad li 'in materja ta' kollizjonijiet m'hemmx prezunzjonijiet u driver irid jipprova l-htija ta' l-iehor u dan jista' jaghmlu posittivament (billi jipprova s-sewqan hazin tal-iehor) kif ukoll negattivament, billi jeskludi s-sewqan hazin tieghu stess". Fil-kaz in disamina l-Qorti jidrilha li z-zewg fatturi kienu prezenti u kkontribwew b'mod ugwali ghall-incident: is-sewwieq tal-mutur billi pogga lilu innifsu f'posizzjoni ta' perikolu b'dan illi "*volenti non fit injuria*" u s-sewwieq tal-vettura billi ma kienx attent ghal dak li kien qieghed jigri fit-triq b'dan illi kien possibli ghalih li jinnota

d-dawl tat-torca u fic-cirkustanzi jiehu dawk il-prekawzjonijiet li kienu jinnecessitaw kompriz li jissenjala l-intenzjoni tieghu li ser jikser ghal got-triq laterali.

Ghal dawk li huma danni sofferti mill-attur jirrizulta li konsegwenza diretta ghall-incident sofra dizabilita’ fuq il-persuna tieghu u danni materjali minhabba l-hsara fil-mutur li gie dikjarat mhux vjabbli li jissewwa. Fil-kuntest tad-disabilita l-Qorti adottat bhala l-percentwali taghha l-medja bejn iz-zewg rapporti medici li jinsabu esebiti fil-process: wiehed tal-espert mediku ortopediku minnha nominat u l-iehor tal-kirurgu ortopediku inkarigat mill-attur innifsu. Ser ghalhekk tahdem fuq percentwali ta’ tlettax fil-mija (13%) disabilita’, paga ta’ erbat elef hames mija u hamsin lira Maltin (Lm4550) fis-sena ghall-hmistax-il sena, kunsidrat li l-attur kellu hamsa u tletin (35) sena fid-data tal-incident li indipendentement minnu huwa xorta kien jieqaf milli jkompli fix-xoghol tieghu ta’ dulcier, nieqes mill-ammont rizultanti l-ghoxrin fil-mija (20%) a bazi ta’ pagament f’daqqa. Dan igib total ta’ sebat elef mija u tmien liri Maltin (Lm7108). Ghal dawk li huma danni sofferti lill-mutur l-ammont li ghandu jippercepixxi hu ta’ mija u tletin lira Maltin (Lm130), ossija l-mitejn lira Maltin (Lm200) hsara nieqes sebghin lira Maltin (Lm70) il-prezz li bieghu. Mit-total taz-zewg ammonti l-attur ghandu jitlef nofs l-ammont a bazi n-nofs tieghu tat-tort.

Ghalhekk qeghdha taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:

1. fil-konfront l-ewwel talba tiddikjara kemm l-attur u kemm il-konvenut responsabbli f’mizura ugwali ghall-kollizjoni;

2. fil-konfront it-tieni talba tillikwida is-somma tad-danni fl-ammont ta’ sebat elef mitejn u tmienja u tletin lira Maltin (Lm7238) fl-intier;

3. fil-konfront it-tielet talba tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef sitt mija u dsatax-il lira Maltin (Lm3619).

In kwantu ghall-ispejjez dawn ghandu jissaportahom interament il-konvenut.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------